MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta ta' l-4 ta' Dicembru, 2014

Citazzjoni Numru. 4/2013

***Alpha Briggs Mediterranean Limited***

**(C – 38859)**

**vs**

**Briggs Environmental Services Limited**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors guramentat promotur datat is-7 ta' Jannar, 2013, li permezz tieghu s-socjeta` rikorrenti sintetikament esponiet is-segwenti:

1.1 Illi permezz ta' skrittura privata datata l-1 t'April, 2008, kriet l-apparat hemm indikat lis-socjeta` intimata fl-Oman, (ara foll 6), skont il-kundizzjonijiet hemm pattwiti;

1.2. Illi l-kiri in dizamina kien suggett ghall-obbligu tas-socjeta` intimata li tirritorna l-apparat minnha mikri fi zmien tlett (3) xhur minn meta tigi interpellata taghmel dan mis-socjeta` rikorrenti;

1.3. Illi tali interpellazzjoni setghet issir fi kwalunkwe zmien;

1.4. Illi s-socjeta` intimata kienet ukoll responsabbli ghall-garr tal-apparat minn Malta ghall-Oman u lura mat-terminazzjoni tal-kuntratt;

1.5. Illi f'Dicembru, 2010, is-socjeta` rikorrenti interpellat lil dik intimata biex tirritorna l-apparat *de quo*;

1.6. Illi s-socjeta` intimata kemm -il darba weghdet li kienet ser tadempixxi dan l-obbligu taghha u tirritorna l-apparat minnha mikri lura Malta;

1.7. Illi nonostante dan xorta baqghet inadempjenti;

1.8. Illi *di piu`*, is-socjeta` intimata naqset li thallas bilanc li ghadu minnha dovut ghall-kera tal-apparat *de quo*;

1.9. Illi dan kollu kkaguna danni lis-socjeta` rikorrenti konsistenti fis-segwenti:

1.9.1. F'telf ta' xoghol;

1.9.2. F'telf ta' dhul finanzjarju mill-uzu u/jew kiri tal-istess apparat lil terzi;

1.10. Illi interpellata biex tirritorna l-apparat fuq riferit u biex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u hlas ta' danni u tal-bilanc dovut, is-socjeta` intimata baqghet inadempjenti;

1.11. Illi ghalhekk aderiet din il-qorti biex is-socjeta` intimata jkollha l-opportunita` twiegeb ghat-talbiet tas-socjeta` rikorrenti u tghid ghaliex din il-qorti m'ghandiex:

1.11.1. Tiddikjara li s-socjeta` intimata qed tirrifjuta tirritorna l-apparat imsemmi fl-iskrittura datata l-1 t'April, 2008, bi ksur tal-istess;

1.11.2. Tordna lis-socjeta` intimata tirritorna minnufih u a spejjez taghha l-apparat in dizamina lis-socjeta` rikorrenti u fin-nuqqas, li thallas lill-istess socjeta` rikorrenti l-valur tal-istess apparat – okkorrendo bin-nomina ta' perit ghal tali skop;

1.11.3. Tiddikjara li bl-agir tas-socjeta` intimata is-socjeta` rikorrenti soffriet danni konsistenti minn telf ta' xoghol u minn dhul finanzjarju mill-uzu u/jew kiri tal-istess apparat lil terzi;

1.11.4. Tillikwida d-danni imsemmija fil-paragrafu precedenti, okkorrendo bin-nomina ta' perit;

1.11.5. Tillikwida il-bilanc li ghadu dovut mis-socjeta` intimata lil dik rikorrenti a bazi bl-iskrittura datata l-1 t'April, 2008;

1.11.6. Tikkundanna lis-socjeta` intimata biex thallas lis-socjeta` rikorrenti l-ammonti hekk likwidati;

1.11.7. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata;

2.0. Rat ir-risposta guramentata datata l-15 t' April, 2013, li permezz taghha s-socjeta` intimata irrispondiet bil-mod segwenti:

2.1. Illi din il-qorti m'ghandiex gurisdizzjoni tisma` l-kawza odjerna;

2.2. Illi *stante* li skont il-*memorandum and articles* tas-socjeta` rikorrenti huma zewg (2) diretturi flimkien li ghandhom ir-rapprezentanza guridika taghha, Paul Pisani wahdu m'ghandux *locus standi* jagixxi ghan-nom taghha u jipprezenta ir-rikors guramentat f'isimha, (ara foll 21);

2.3. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici mhix skont il-ligi u ghandha tigi dikjarata irrita u nulla;

2.4. Illi fil-mertu, parti mill-apparat elenkat fid-Dok ‘A’, (ara foll 6), hu proprjeta` tas-socjeta` intimata u/jew ta’ terzi;

2.5. Illi ghalhekk l-azzjoni attrici ghandha tigi michuda *stante* li *si tratta* dwar danni jew bilanc rigwardanti apparat li mhux tas-socjeta` rikorrenti;

2.6. Illi s-socjeta` intimata m’ghandiex tigi kkundannata thallas danni lis-socjeta` rikorrenti *stante* li mhux minnu li s-socjeta` intimata qed tirrifjuta li tirritorna l-apparat in dizamina;

2.7. Illi *inoltre* il-ftehim *de quo* fuq riferit jipprovdi li l-apparat in dizamina hu mikri *“for an indefinite period”* hlief li jista` jigi *“reclaimed”* mis-socjeta` rikorrenti *“at any time”*, (ara foll 6);

2.8. Illi fil-kaz indikat fil-paragrafu precedenti is-socjeta` intimata jkollha tlett (3) xhur biex tirritorna l-apparat mitlub;

2.9. Illi qatt ma kien hemm insistenza mis-socjeta` rikorrenti ghar-ritorn tal-apparat;

2.10. Illi in effetti wara Dicembru, 2010, baqghu jinhargu fatturi ghall-kera tal-istess apparat;

2.11. Illi l-ewwel talba formali biex jigi ritornat l-apparat *de quo* saret fl-14 ta’ Frar, 2013, u giet notifikata biss flimkien mall-kawza odjerna;

2.12. Illi ghalhekk it-talba tas-socjeta` rikorrenti hi prematura u intempestiva;

2.13. Illi t-talba ghad-danni m’ghandiex tigi milqugha *stante* li meta giet intavolata l-kawza ma kien hemm l-ebda nuqqas u ksur kuntrattwali *da parte* tas-socjeta` intimata;

2.14. Illi l-apparat in kwistjoni hu prezentement mizmum illegalment minn terzi – is-socjeta` *Oman Pesco*;

2.15. Illi s-socjeta` intimata gia` intavolat proceduri fl-Oman biex l-apparat jigi ritornat lilha;

2.16. Illi s-socjeta` intimata ma tahti xejn ghall-azzjoni illegali t'*Oman Pesco* u allura m'ghandiex tkun ikkundannata thallas id-danni mitluba;

2.17. Illi *stante* l-proceduri gudizzjarji fl-Oman, ikun sew jekk jigu sospizi l-proceduri odjerni sa kemm jigu tterminati tali proceduri;

2.18. Illi ghandha tigi kjamata in kawza s-socjeta` *Oman Pesco*;

2.19. Illi mhux minnu li s-socjeta` rikorrenti sofriet xi danni, li fi kwalunkwe kaz iridu jigu pprovati;

2.20. Illi s-socjeta` rikorrenti ma tistax titlob ghal danni minhabba li s-socjeta` intimata ma rritornatx l-apparat u fl-istess waqt titlob il-kera dovuta ghall-kiri tal-istess apparat *stante* li z-zewg talbiet ma joqghodux flimkien;

2.21. Illi rigward il-bilanc mitlub is-socjeta` intimata tirrileva is-segwenti:

2.21.1. Illi l-fatturi rigwardanti l-2011 huma eccessivi;

2.21.2. Illi l-fatturi ghas-snin 2012 u 2013 ma nhargux mis-socjeta` rikorrenti;

2.21.3. Illi l-fatturi mahruga qabel Marzu 2011, *in parte* thallsu mis-socjeta` intimata u *in parte* thallsu bi tpacija ma' dejn dovut mis-socjeta` rikorrenti lil dik intimata;

2.21.4. Illi fuq it-"*30% of revenue"* hemm riferit, is-socjeta` intimata tiddikjara li ma kien hemm l-ebda dhul;

3. Rat id-digriet taghha datat is-7 ta' Mejju, 2013, li permezz tieghu ordnat il-kapovolgiment tal-provi;

4. Rat id-digriet taghha datat it-8 t'April, 2014, li permezz tieghu fuq talba tal-abbli rapprezentant legali tas-socjeta` intimata, awtorizzat lill-partijiet biex jittrattaw il-kaz bil-modalita` hemm indikata, (ara foll 76);

5. Rat in-nota ta' sottomissjonijiet tas-socjeta` intimata datata l-15 ta' Mejju, 2014, (ara foll 79), flimkien ma' dik tas-socjeta` rikorrenti datata t-13 ta' Gunju, 2014, (ara foll 85);

6. Ezaminat id-dokumenti esebiti, flimkien mad-dikjarazzjonijiet guramentati pprezentati;

7. Semghet ix-xhieda prodotta;

8. Semghet it-trattazzjoni orali tal-abbli rapprezentanti legali tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

9. Illi preliminarjament is-socjeta` intimata eccepiet in-nuqqas ta' gurisdizzjoni tal-qrati Maltin *ai termini* tar-Regolament tal-Unjoni Ewropea 44/2001;

10.0. Illi f'dan ir-rigward is-socjeta` intimata ssollevat is-segwenti:

10.1. Il-Fatti tal-Kaz:

10.1.1. Illi l-ftehim pattwit datat l-1 t'April, 2008, gie iffirmat minn Paul Pisani in rapprezentanza tas-socjeta` rikorrenti u Glyn Humphries ghas-socjeta` intimata, (ara foll 6);

10.1.2. Illi l-oggett tal-istess ftehim kien il-kiri tat-taghmir li kellu jintuza fl-Oman;

10.1.3. Illi s-socjeta` intimata hi registrata fl-Iskozja, (ara foll 50 u 52);

10.2. Ir-regolament tal-Unjoni Ewropea 44/2001:

10.2.1. Illi dan ir-Regolament ghandu forza ta' Ligi f'Malta u hu applikabbli b'mod dirett;

10.2.2. Illi dan ir-Regolament japplika ghal kaz odjern billi dan hu kwistjoni ta' natura civili u mhux eskluz mill-operat tal-istess Regolament;

10.2.3. Illi dan ir-Regolament japplika wkoll a bazi tal-artiklu 742 (6) tal-Kap 12 tal-Ligi ta' Malta;

10.2.4. Illi l-artiklu 2 tal-imsemmi Regolament jistabilixxi li:

> "persons domiciled in a Member State shall, whatever their nationality, be sued in the Courts of that Member State";

10.2.5. Illi dan gie ribadit mill-*First Chamber* tal-Qorti Ewropea tal-Gustizzja fil-kaz *"Nicole Hassett vs South Eastern Health Board* u *Cheryl Doherty vs North Western Health Board* tat-2 t'Ottubru, 2008, citati mill-istess socjeta` intimata, (ara foll 80);

10.2.6. Illi kif kompliet tirribadixxi l-istess qorti indikata fil-paragrafu precedenti fil-kawza numru C - 281/02 minnha wkoll citata fl-istess nota: (ara foll 80);

> "It must be observed, first, that Article 2 of the Brussels Convention is mandatory in nature and that, according to its terms, there can be no derogation from the principle it lays down except in the cases provided for by the Convention";

10.2.7. Illi ghalhekk ghandu jkun pacifiku li kemm ir-Regolamenti in dizamina u l-kazistika Ewropea li tinforzha, jirrikjedu li wiehed ghandu jigi mharrek fl-istat Membru fejn l-istess intimat ikun domiciljat;

10.2.8. Illi jirrizulta li s-socjeta` intimata:

10.2.8.i. Hi registrata l-Iskozja, (ara foll 52);

10.2.8.ii. Topera wkoll l-Iskozja, (ara foll 50);

10.2.9. Illi l-ftehim tal-1 t'April, 2008, pattwit bejn il-partijiet ma jistabilixxi l-ebda klawsola rigwardanti l-gurisdizzjoni bejn il-kontendenti f'kaz ta' dizgwid;

10.2.10. Illi l-oggett tal-istess ftehim kellu jigi ezercitat fl-Oman;

Ikkunsidrat:

11.0. Illi minn ezami tal-fatti kif fuq sintetikament esposti jirrizulta s-segwenti:

11.1. Illi l-ftehim pattwit fuq riferit gie konkluz f'Malta;

11.2. Illi s-socjeta` rikorrenti hi registrata u topera f'Malta;

11.3. Illi s-socjeta` intimata hi registrata fl-Iskozja;

11.4. Illi l-oggett meritu tal-ftehim hekk pattwit kellu jigi ezegwit l-Oman, (ara foll 77);

Ikkunsidrat:

12. Illi tenut kont tas-suespost ghandu jkun pacifiku li l-anqas l-artiklu 5 tar-Regolament Ewropei Numru 44/2001, ma’ japplikaw ghall-vertenza odjerna;

**DECIDE:**

13.0. Illi ghaldaqstant din il-qorti hi sodisfatta li s-socjeta` intimata pprovat l-eccezzjonijiet preliminari minnha sollevati fir-risposta taghha u konsegwentement:

13.1. Tiddikjara li ghar-ragunijiet fuq esposti m’ghandiex gurisizzjoni tisma` l-kawza odjerna;

13.2. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tal-kaz;

13.3. Bl-ispejjez kontra s-socjeta` intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM---------------------------------